MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 627/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur  Antonello Grech**
**V**

**DARREN CARUANA bin Emanuel u Eugenia nee' Mercieca, imwieled fit-tlieta ta' Novembru, 1985 u residenti Plot 13, Triq Bieb il-Ghar, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 45985G**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **DARREN CARUANA** bin Emanuel u Eugenia nee' Mercieca, imwieled fit-tlieta ta' Novembru, 1985 u residenti Plot 13, Triq Bieb il-Ghar, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 45985G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sitta (6) ta' Lulju

2006 ghal habta tal-hdax ta’ fil-ghodu (11:00a.m.) saq vettura HAJ-965 fi Triq Kercem, Rabat, Ghawdex:-

1. b’manjiera traskurata u perikoluza;

2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma’ mutur FAN-179 misjuq minn John Sultana mir-Rabat, Ghawdex;

3. talli b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Sultana, kif gie certifikat mit-tabib Dr. Ian Galea MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokument kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ Doctor Ian Galea.

Semghet lil John Sultana jiddikjara li qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u li ghazel li ma jixhidtx f’dawn l-proceduri.

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f’dawn il-proceduri stante li setgha jinkrimina ruhu.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1), 218(b), 328(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat DARREN CARUANA hati tal-ewwel akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu stante li ma gietx ippurvata b’mod sodisfacenti u tilliberah minnha filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni w it-tielet akkuza stante rinunzja da parti ta’ John Sultana.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------